# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/995

## tat-22 ta' Mejju 2023

## li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 46(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315.

(2) L-Artikolu 4(2), il-punt (e), tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 jipprevedi li l-Kunsill għandu jistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO), li jirriflettu kemm appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet kif ukoll il-forniment ta' appoġġ sostanzjali skont il-mezzi u l-kapaċitajiet għal operazzjonijiet u missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK).

(3) Fis-6 ta' Marzu 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 ([2]) li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO.

(4) Fis-6 ta' Marzu 2018, il-Kunsill adotta wkoll Rakkomandazzjoni dwar pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-PESCO ([3]) ("ir-Rakkomandazzjoni").

(5) Il-paragrafu 9 tar-Rakkomandazzjoni speċifika li jenħtieġ li l-Kunsill jaġġorna l-lista ta' proġetti PESCO sa Novembru 2018 biex tinkludi s-sett ta' proġetti li jmiss, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315, li tipprevedi b'mod partikolari li r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") jista' jagħmel rakkomandazzjoni rigward l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' proġetti PESCO, abbażi ta' valutazzjonijiet mogħtija mis-segretarjat tal-PESCO, għal deċiżjoni li tittieħed mill-Kunsill, wara parir militari mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMC).

(6) Fil-25 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/909 ([4]) li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti PESCO.

(7) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1797 ([5]) li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340.

(8) Fis-16 ta' Novembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2008 ([6]) li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340.

([1]) ĠU L 331, 14. 12. 2017, p. 57.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/340 tas-6 ta' Marzu 2018 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 65, 8.3.2018, p. 24).
([3]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Marzu 2018 dwar pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-PESCO (ĠU C 88, 8.3.2018, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/909 tal-25 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti PESCO (ĠU L 161, 26.6.2018, p. 37).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1797 tad-19 ta' Novembru 2018 li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista tal-proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 294, 21. 11. 2018, p. 18).
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2008 tas-16 ta' Novembru 2021 li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 407, 17.11.2021, p. 37).

(9) Fl-14 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex jissodisfaw l-impenji meħuda fil-qafas tal-PESCO ([7]).

(10) Fil-31 ta' Marzu 2023, ir-Rappreżentant Għoli għamel rakkomandazzjoni lill-Kunsill rigward l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' proposti ta' proġetti fil-qafas tal-PESCO.

(11) Fl-4 ta' April 2023, is-Segretarjat tal-PESCO informa lill-Kunsill li l-membri tal-proġett "Kapaċità ta' Appoġġ Indirett tal-Artillerija (EuroArtillery)" kienu iddeċidew li jagħlqu l-proġett.

(12) Fl-24 ta' April 2023, is-Segretarjat tal-PESCO informa lill-Kunsill li l-membri tal-proġetti "Ċentri ta' Ttestjar u Evalwazzjoni tal-UE (EUTEC)" u "Kondiviżjoni tal-bażijiet" iddeċidew li jagħlqu l-proġetti.

(13) Fl-4 ta' Mejju 2023, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fil-parir militari tal-EUMC dwar ir-rakkomandazzjoni tar-Rappreżentant Għoli rigward l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' proposti ta' proġetti fil-qafas tal-PESCO.

(14) Għalhekk jenħtieġ li l-Kunsill jemenda u jaġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdiedu l-proġetti li ġejjin:

"62. Trasport bl-Ajru għad-Difiża Ewropea - Akkademja għat-Taħriġ (EDA-TA);

63. Sistema Awtonoma tal-Art Integrata 2 (iUGS 2);

64. Sensuri tal-Kontrobatterija (CoBaS);

65. Torpedo antitorpedo (ATT);

66. Protezzjoni tal-Infrastruttura Kritika f'Qiegħ il-Baħar (CSIP);

67. Missila futura mill-ajru għall-ajru ta' medda qasira (FSRM);

68. Ħelikopter ta' Tagħbija Medja tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGMH);

69. Sistema Integrata ta' Difiża kontra l-Ajru u l-Missili b'Diversi Saffi (IMLAMD);

70. Sistema ta' Tagħmir u Sensuri għall-Kmand u l-Kontroll fl-Artiku (ACCESS);

71. Infrastruttura u Networks tal-Komunikazzjoni Robusti (ROCOMIN);

72. ROLE 2F.";

(2) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I għal din id-Deċiżjoni;

(3) l-Anness II huwa sostitwit f'konformità mal-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

([7]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2022 li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex jissodisfaw l-impenji meħuda fil-qafas tal-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) (2022/C 433/02) (ĠU C 433, 15.11.2022, p. 6).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta’ Mejju 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

*ANNESS I*

L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista tal-membri tal-proġett ta' kull proġett individwali stabbilit fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2018/340:

| Proġett | Membri tal-Proġett |
|---|---|
| "62. Trasport bl-Ajru għad-Difiża Ewropea - Akkademja għat-Taħriġ (EDA-TA) | Franza, Spanja, Italja, Ungerija, Portugall |
| 63. Sistema awtonoma tal-Art Integrata 2 (iUGS 2) | Estonja, Ġermanja, Franza, Italja, Latvja, Ungerija, Netherlands, Finlandja, Żvezja |
| 64. Sensuri tal-Kontrobatterija (CoBaS) | Franza, Netherlands |
| 65. Torpedo antitorpedo (ATT) | Ġermanja, Netherlands |
| 66. Protezzjoni tal-Infrastruttura Kritika f'Qiegħ il-Baħar (CSIP) | Italja, Ġermanja, Spanja, Franza, Portugall, Żvezja |
| 67. Missila Futura mill-Ajru għall-Ajru ta' Medda Qasira (FSRM) | Ġermanja, Spanja, Italja, Ungerija, Żvezja |
| 68. Ħelikopter ta' Tagħbija Medja tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGMH) | Franza, Spanja, Italja, Finlandja |
| 69. Sistema Integrata ta' Difiża kontra l-Ajru u l-Missili b'Diversi Saffi (IMLAMD) | Italja, Franza, Ungerija, Żvezja |
| 70. Sistema ta' Tagħmir u Sensuri għall-Kmand u l-Kontroll fl-Artiku (ACCESS) | Finlandja, Estonja, Franza, Żvezja |
| 71. Infrastruttura u Networks tal-Komunikazzjoni Robusti (ROCOMIN) | Żvezja, Estonja, Franza |
| 72. ROLE 2F | Spanja, Bulgarija, Franza, Portugall, Finlandja, Żvezja" |

*ANNESS II*

L-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 huwa sostitwit bl-Anness II hawn taħt:

*"ANNESS II*

**LISTA AĠĠORNATA KONSOLIDATA TAL-MEMBRI TAL-PROĠETTI GĦAL KULL PROĠETT INDIVIDWALI**

| Proġett | Membri tal-Proġett |
|---|---|
| 1. Kmand Mediku Ewropew (EMC) | Ġermanja, Belġju, Ċekja, Estonja, Spanja, Franza, Italja, Lussemburgu, Ungerija, Netherlands, Polonja, Rumanija, Slovakkja, Żvezja |
| 2. Radju Sigur Ewropew definit b'Software (ESSOR) | Franza, Ġermanja, Spanja, Italja, Netherlands, Polonja, Portugall, Finlandja |
| 3. Network ta' Ċentri Loġistiċi fl-Ewropa u Appoġġ għall-Operazzjonijiet (NetLogHubs) | Ġermanja, Belġju, Bulgarija, Greċja, Spanja, Franza, Kroazja, Italja, Ċipru, Litwanja, Lussemburgu, Ungerija, Netherlands, Polonja, Slovenja, Slovakkja |
| 4. Mobbiltà Militari | Netherlands, Belġju, Bulgarija, Ċekja, Ġermanja, Estonja, Greċja, Spanja, Franza, Kroazja, Italja, Ċipru, Latvja, Litwanja, Lussemburgu, Ungerija, Awstrija, Polonja, Portugall, Rumanija, Slovenja, Slovakkja, Finlandja, Żvezja |
| 5. Ċentru Ewropew ta' Ċertifikazzjoni tat-Taħriġ għall-Armati Ewropej | Italja, Greċja |
| 6. Funzjoni Operazzjonali tal-Enerġija (EOF) | Franza, Belġju, Spanja, Italja, Slovenja |
| 7. Pakkett Militari għall-Istazzjonament ta' Kapaċitajiet ta' Għajnuna f'Każ ta' Diżastru (DM-DRCP) | Italja, Irlanda, Greċja, Spanja, Kroazja, Awstrija |
| 8. Sistemi Marittimi (semi)Awtonomi għal Miżuri kontra l-Mini (MAS MCM) | Belġju, Irlanda, Greċja, Franza, Latvja, Netherlands, Polonja, Portugall, Rumanija |
| 9. Sorveljanza u Protezzjoni tal-Port u Marittimi (HARMSPRO) | Italja, Greċja, Polonja, Portugall |
| 10. Titjib tas-Sorveljanza Marittima (UMS) | Greċja, Bulgarija, Irlanda, Spanja, Franza, Kroazja, Italja, Ċipru |
| 11. Pjattaforma għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni dwar it-Theddid Ċibernetiku u r-Rispons għall-Inċidenti (CTISP) | Greċja, Irlanda, Italja, Ċipru, Ungerija, Portugall |
| 12. Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku u Assistenza Reċiproka fis-Sigurtà Ċibernetika (CRRT) | Litwanja, Belġju, Estonja, Kroazja, Netherlands, Polonja, Rumanija, Slovenja |
| 13. Sistema Strateġika ta' Kmand u Kontroll (C2) għall-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK (EUMILCOM) | Spanja, Ġermanja, Franza, Italja, Lussemburgu, Portugall |
| 14. Vettura Armata għall-Ġlied tal-Infanterija / Vettura Amfibja tal-Attakk / Vettura Ħafifa Armata (AIFV/AAV/LAV) | Italja, Greċja, Slovakkja |
| 15. Grupp Ristrett li Jħaddem ir-Rispons għall-Kriżijiet tal-EUFOR (EUFOR CROC) | Ġermanja, Greċja, Spanja, Franza, Italja, Ċipru, Netherlands, Awstrija |
| 16. Taħriġ bil-Ħelikopters f'Temperaturi u Altitudni Għoljin (Taħriġ H3) | Greċja, Italja, Rumanija |

| Proġett | | Membri tal-Proġett |
|---|---|---|
| 17. | Skola tal-Intelligence Konġunta tal-UE (JEIS) | Greċja, Ċipru |
| 18. | Sistema Awtonoma tal-Art Integrata (iUGS) | Estonja, Belġju, Ċekja, Ġermanja, Spanja, Franza, Latvja, Netherlands, Polonja, Finlandja |
| 19. | Sistemi ta' Missili Tattiċi tal-Art Lil Hinn mil-Linja ta' Viżjoni (BLOS) tal-UE | Franza, Belġju, Ċipru, Żvezja |
| 20. | Pakkett ta' Kapaċità ta' Intervent Taħt l-Ilma Modulari Skjerabbli (DIVEPACK) | Bulgarija, Greċja, Franza, Italja, Rumanija |
| 21. | Sistemi Ewropej ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod b'Reżistenza Twila f'Altitudni Medja - MALE RPAS (Eurodrone) | Ġermanja, Ċekja, Spanja, Franza, Italja |
| 22. | Ħelikopters ta' Attakk Ewropej<br>TIGER Mark III | Franza, Ġermanja, Spanja |
| 23. | Difiża kontra Sistema tal-Ajru mingħajr Bdot Abbord (C-UAS) | Italja, Ċekja, Żvezja |
| 24. | Pjattaforma Ewropea ta' Airships ta' Atmosfera Għolja (EHAAP) – Kapaċità Persistenti ta' Intelligence, Sorveljanza u Rikonijizzjoni (ISR) | Italja, Franza |
| 25. | Post Uniku ta' Kmand (CP) Skjerabbli għall-Kmand u l-Kontroll Tattiċi (C2) ta' Forzi ta' Operazzjonijiet Speċjali (SOF) għal Operazzjonijiet Konġunti Żgħar (SJO) – (SOCC) għal SJO | Greċja, Ċipru |
| 26. | Kapaċità ta' Gwerra Elettronika u Programm ta' Interoperabbiltà għal Kooperazzjoni Futura ta' Intelligence, Sorveljanza u Reconnaissance (JISR) | Ċekja, Ġermanja, Litwanja |
| 27. | Sorveljanza Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari (CBRN) bħala Servizz (CBRN SaaS) | Awstrija, Franza, Kroazja, Ungerija, Slovenja |
| 28. | Element ta' Koordinazzjoni tal-Appoġġ Ġeo-meteoroloġiku u Oċeanografiku (GeoMETOC) (GMSCE) | Ġermanja, Belġju, Greċja, Franza, Lussemburgu, Awstrija, Portugall, Rumanija |
| 29. | Soluzzjoni ta' Radjunavigazzjoni tal-UE (EURAS) | Franza, Belġju, Ġermanja, Spanja, Italja, Polonja |
| 30. | Network ta' Sensibilizzazzjoni tas-Sorveljanza Spazjali Militari Ewropew (EU-SSA-N) | Italja, Ġermanja, Franza, Netherlands |
| 31. | Ċentru Komuni Ewropew Integrat għat-Taħriġ u s-Simulazzjoni (EUROSIM) | Ungerija, Ġermanja, Franza, Polonja, Slovenja |
| 32. | Hub tal-UE għall-Akkademja u l-Innovazzjoni fiċ-Ċibernetika (EU CAIH) | Portugall, Spanja, Rumanija |
| 33. | Ċentru ta' Taħriġ Mediku għall-Forzi tal-Operazzjonijiet Speċjali (SMTC) | Polonja, Ungerija |
| 34. | Żona ta' Taħriġ Militari għad-Difiża Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari (CBRN) (CBRNDTR) | Rumanija, Franza, Italja |

| Proġett | | Membri tal-Proġett |
|---|---|---|
| 35. | Network tal-Unjoni Ewropea ta' Ċentri tal-Għadis (EUNDC) | Rumanija, Bulgarija, Franza |
| 36. | Sistema Marittima Awtonoma għal Kontra s-Sottomarini (MUSAS) | Portugall, Spanja, Franza, Żvezja |
| 37. | Korvetta ta' Pattulja Ewropea (EPC) | Italja, Greċja, Spanja, Franza, Rumanija |
| 38. | Attakk Elettroniku fl-Ajru (AEA) | Spanja, Franza, Żvezja |
| 39. | Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Qasam Ċibernetiku u tal-Informazzjoni (CIDCC) | Ġermanja, Franza, Ungerija, Netherlands |
| 40. | Twissija u Interċettazzjoni f'Waqthom Permezz ta' Sorveljanza tat-Teatri mill-Ispazju (TWISTER) | Franza, Ġermanja, Spanja, Italja, Netherlands, Finlandja |
| 41. | Materjali u komponenti għall-kompetittività teknoloġika tal-UE (MAC-EU) | Franza, Ġermanja, Spanja, Portugall, Rumanija |
| 42. | Kapaċitajiet tal-UE għal Gwerra Kollaborattiva (ECoWAR) | Franza, Belġju, Spanja, Polonja, Rumanija, Żvezja |
| 43. | Sistema Ewropea ta' Arkitettura għall-Inseriment Globali ta' Sistema ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPAS) (GLORIA) | Italja, Franza, Rumanija |
| 44. | Ċentru ta' Simulazzjoni u Ttestjar tal-Karru Armat Ewlieni (MBT-SIMTEC) | Greċja, Franza, Ċipru |
| 45. | Sħubija Militari tal-UE (EU MilPart) | Franza, Estonja, Italja, Awstrija |
| 46. | Elementi Essenzjali tal-Iskorta Ewropea (4E) | Spanja, Italja, Portugall |
| 47. | Vettura tal-Wiċċ Semi-Awtonoma ta' Daqs Medju (M-SASV) | Estonja, Franza, Latvja, Rumanija |
| 48. | Trasport Strateġiku bl-Ajru għat-Tagħbija Akbar min-Normal (SATOC) | Ġermanja, Ċekja, Franza, Netherlands |
| 49. | RPAS Żgħira tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGSR) | Spanja, Ġermanja, Ungerija, Portugall, Rumanija, Slovenja |
| 50. | Stazzjon għad-Dokkjar għad-Droni fuq Inġenji tal-Ajru Kbar li Jaħdmu bir-Rotors (RDSD) | Italja, Franza |
| 51. | Armi Żgħar b'Effetti Skalabbli (SSW) | Italja, Franza |
| 52. | Poter tal-Ajru | Franza, Greċja, Kroazja |
| 53. | Inġenji tal-Ajru Tattiċi Futuri ta' Daqs Medju għall-Merkanzija (FMTC) | Franza, Ġermanja, Spanja, Żvezja |
| 54. | Federazzjonijiet ta' Ambjenti ta' Taħriġ Ċibernetiku (CRF) | Estonja, Bulgarija, Franza, Italja, Latvja, Lussemburgu, Finlandja |
| 55. | Sistema Awtomatizzata ta' Mmudellar, Identifikazzjoni u Valutazzjoni tal-Ħsara ta' Terren Urban (AMIDA-UT) | Portugall, Spanja, Franza, Awstrija |
| 56. | Ċentru Komuni għall-Immaġnijiet tal-Gvern (CoHGI) | Ġermanja, Spanja, Franza, Litwanja, Lussemburgu, Netherlands, Awstrija, Rumanija |
| 57. | Difiża tal-Assi Spazjali (DoSA) | Franza, Ġermanja, Spanja, Italja, Awstrija, Polonja, Portugall, Rumanija |

| Proġett | | Membri tal-Proġett |
|---|---|---|
| 58. | Trasport bl-Ajru għad-Difiża Ewropea - Akkademja għat-Taħriġ (EDA-TA) | Franza, Spanja, Italja, Ungerija, Portugall |
| 59. | Sistema awtonoma tal-Art Integrata 2 (iUGS 2) | Estonja, Ġermanja, Franza, Italja, Latvja, Ungerija, Netherlands, Finlandja, Żvezja |
| 60. | Sensuri tal-Kontrobatterija (CoBaS) | Franza, Netherlands |
| 61. | Torpedo antitorpedo (ATT) | Ġermanja, Netherlands |
| 62. | Protezzjoni tal-Infrastruttura Kritika f'Qiegħ il-Baħar (CSIP) | Italja, Ġermanja, Spanja, Franza, Portugall, Żvezja |
| 63. | Missila Futura mill-Ajru għall-Ajru ta' Medda Qasira (FSRM) | Ġermanja, Spanja, Italja, Ungerija, Żvezja |
| 64. | Ħelikopter ta' Tagħbija Medja tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGMH) | Franza, Spanja, Italja, Finlandja |
| 65. | Sistema Integrata ta' Difiża kontra l-Ajru u l-Missili b'Diversi Saffi (IMLAMD) | Italja, Franza, Ungerija, Żvezja |
| 66. | Sistema ta' Tagħmir u Sensuri għall-Kmand u l-Kontroll fl-Artiku (ACCESS) | Finlandja, Estonja, Franza, Żvezja |
| 67. | Infrastruttura u Networks tal-Komunikazzjoni Robusti (ROCOMIN) | Żvezja, Estonja, Franza |
| 68. | ROLE 2F | Spanja, Bulgarija, Franza, Portugall, Finlandja, Żvezja" |